KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 12.6.2007
KUMM(2007) 333 finali

2007/0115 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u f'erba' ftehimiet relatati

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u f'erba' ftehimiet relatati

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, il-Bulgarija u r-Rumanija kellhom ukoll isiru partijiet kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, iż-ŻEE. Il-modalitajiet għal dan ġew innegozjati milll-Kummissjoni f'isem il-Komunità u l-Istati Membri ma' l-Istati Membri l-ġodda, il-Bulgarija u r-Rumanija, u ma' l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, l-Istati ta' l-EFTA membri taż-ŻEE. In-negozjati dwar it-tkabbir taż-ŻEE tnidew uffiċjalment fis-6 ta' Lulju 2006 u ġew konklużi fid-29 ta' Marzu 2007.

Il-Ftehim prinċipali dwar il-parteċipazzjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-ŻEE jiddefinixxi l-emendi tal-Ftehim taż-ŻEE fil-kuntest tat-tkabbir taż-ŻEE. Il-parti l-kbira ta' l-emendi proposti toriġina mit-Trattat ta' Adeżjoni. Il-modalitajiet ta' l-applikazzjoni ta' l-acquis Komunitarju mill-Pajjiżi Aderenti hekk kif isseħħ l-adeżjoni tagħhom ma' l-UE, bħal m'huma l-adattamenti tekniċi u l-perjodi tranżitorji, li dwarhom kien intlaħaq ftehim fin-negozjati dwar it-tkabbir ta' l-UE, huma meħuda mill-Att ta' Adeżjoni fil-Ftehim taż-ŻEE.

Minbarra l-adattamenti tekniċi, il-ftehim dwar it-tkabbir taż-ŻEE għall-Bulgarija u r-Rumanija ġie nnegozjat fuq il-bażi li l-modalitajiet sostanzjali kollha, speċjalment dawk li jikkonċernaw il-kontribuzzjonijiet finanzjarji u l-konċessjonijiet mogħtija fil-qasam tal-kummerċ tal-ħut, għandu jsir ftehim dwarhom biss għall-bqija tal-perjodu ta' 5 snin li kien ġie nnegozjat fil-kuntest tat-tkabbir UE/ŻEE ta' l-2004, jiġifieri mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' April 2009.

Fuq dan il-bażi, kien ġie miftiehem li l-Istati ta' l-EFTA membri taż-ŻEE jipprovdu 21.5 miljun euro lill-Bulgarija u 50.5 miljun euro lir-Rumanija permezz tal-mekkaniżmu finanzjarju taż-ŻEE mill-1 ta' Jannar 2007 sat-30 ta' April 2009, meta jiskadu l-mekkaniżmi finanzjarji attwali, u n-Norveġja tipprovdi 20 miljun euro lill-Bulgarija u 48 miljun euro lir-Rumanija bħala kontribuzzjonijiet finanzjarji bilaterali ulterjuri matul l-istess perjodu. Bi tpattija, qiegħed jiġi propost li l-Komunità tagħti lin-Norveġja u lill-Iżlanda għadd ta' konċessjonijiet fil-qasam tas-sajd, liema għoti huwa wkoll limitat sat-30 ta' April 2009.

Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji bilaterali Norveġiżi lill-Bulgarija u r-Rumanija rispettivament, kif ukoll il-ftehimiet ta' l-UE man-Norveġja u l-Iżlanda dwar is-sajd, huma ftehimiet separati, imma jagħmlu parti integrali mill-'pakkett' għat-tkabbir taż-ŻEE, li għaldaqstant fih il-ftehim dwar it-tkabbir taż-ŻEE u erba' ftehimiet relatati.

Minħabba li, sfortunatament, in-negozjati ġarrbu dewmien u ma ġewx konklużi qabel id-29 ta' Marzu 2007, huwa meħtieġ li, biex il-Ftehim taż-ŻEE jiffunzjoni sewwa, ikun żgurat li l-ftehim dwar it-tkabbir taż-ŻEE jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli, u għahekk qiegħda tkun proposta applikazzjoni proviżorja.

Fost id-dikjarazzjonijiet differenti inklużi fl-att finali tal-ftehim, tajjeb li wieħed jinnota li l-partijiet kollha ddikjaraw li m'għandu jkollhom ebda pretensjoni fl-oqsma tal-biedja u l-prodotti agrikoli pproċessati.

Qiegħed jiġi propost li l-Kunsill jadotta l-abbozz tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill li jinsab mehmuż għall-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja kif ukoll għall-konklużjoni tal-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u erba' ftehimiet relatati.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u f'erba' ftehimiet relatati

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att mehmuż mat-Trattat ta' Adeżjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta mill-Kummissjoni1,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 128 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("ŻEE") u fid-dawl ta' l-adeżjoni tagħhom ma' l-UE, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ("Il-Pajjiżi Applikanti taż-ŻEE") applikaw biex isiru Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE.

(2) Għal dan il-għan, il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, Ftehim mar-Repubblika ta' l-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Pajjiżi Applikanti taż-ŻEE dwar il-parteċipazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar fiż-ŻEE u erba' ftehimiet relatati, li huma:

   (i) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

   (ii) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

   (iii) Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea; kif ukoll

[1] ĠU C […] […], p.[…].

(iv) Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(3) Il-ħames ftehimiet għandhom jiġu ffirmati suġġett għall-konklużjoni eventwali tagħhom aktar tard.

(4) Sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa biex iġibuhom fis-seħħ u sabiex is-suq intern jinżamm jiffunzjona sewwa fiż-Żona Ekonomika Ewropea, il-ħames ftehimiet għandhom ikunu applikati fuq bażi proviżorja skond skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika ta' l-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja rispettivament.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-ftehimiet li ġejjin qiegħed b'dan jiġi approvat, suġġett għad-Deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-konklużjoni tagħhom:

– Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika ta' l-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Pajjiżi Applikanti taż-ŻEE, dwar il-parteċipazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar fiż-Żona Ekonomika Ewropea,

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

– Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea; kif ukoll

– Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar persuna(i) bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw dawn il-ftehimiet f'isem il-Komunità Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar persuna(i) bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw, f'isem il-Komunità Ewropea, skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein u n-Norveġja rispettivament, sabiex sakemm jidħlu fis-seħħ, il-ftehimiet imsemmija hawn fuq ikunu applikati fuq bażi proviżorja

mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar li jiġi wara d-data li fiha jkun tlesta l-aħħar wieħed minn dawn l-iskambji ta' l-ittri.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda wara l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea u tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea li jirrigwardaw kwoti ta' tariffi ġodda u kwoti ta' tariffi mibdulin applikabbli għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' ċertu ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Iżlanda u n-Norveġja għandhom japplikaw mill-ewwel jum tat-tieni xahar li jiġi wara d-data li fiha jkun tlesta l-aħħar wieħed mill-iskambji ta' l-ittri.

Artikolu 3

It-testi tal-Ftehim dwar it-tkabbir taż-ŻEE u l-erba' ftehimiet relatati kif ukoll l-iskambju ta' l-ittri huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, [....]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

2007/0115 (AVC)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u f'erba' ftehimiet relatati

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 310 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni2,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew3,

Billi:

(1) Il-ftehimiet li ġejjin ġew iffirmati, f'isem il-Komunità Ewropea, fi […] suġġett għall-konklużjoni eventwali tagħhom aktar tard, skond id-Deċiżjoni…/…./KE tal-Kunsill ta' […]4:

– Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika ta' l-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ("Il-Pajjiżi Applikanti taż-ŻEE"), dwar il-parteċipazzjoni tal-Pajjiżi Aderenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea,

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

– Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea; kif ukoll

2 ĠU C […], […], p.[…].
3 ĠU C […], […], p.[…].
4 ĠU C […], […], p.[…].

– Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

(2) Dawn il-ftehimiet għandhom jiġu approvati,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

1. Dawn il-ftehimiet li ġejjin huma b'dan approvati f'isem il-Komunità Ewropea:

– Ftehim bejn il-Komunità Ewropea, ir-Repubblika ta' l-Iżlanda, il-Prinċipalità tal-Liechtenstein, ir-Renju tan-Norveġja u l-Pajjiżi Applikanti taż-ŻEE, dwar il-parteċipazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar fiż-Żona Ekonomika Ewropea,

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

– Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea; kif ukoll

– Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

2. It-testi tal-ftehimiet huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna bis-setgħa li tiddepożita f'isem il-Komunità Ewropea l-att ta' approvazzjoni li jipprovdi għalih kull wieħed mill-ftehimiet, sabiex ikun mistqarr il-kunsens tal-Komunità li tintrabat.

Magħmul fi Brussell, [....]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

ANNESS 1:

Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u f'erba' ftehimiet relatati

ANNESS 2:

FTEHIMIET

fil-forma ta’ skambju ta’ ittri

dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea u l-applikazzjoni proviżorja ta' erba' ftehimiet relatati

A: Ittra mill-Komunità Ewropea lir-Repubblika ta' l-Iżlanda

Sinjur,

B'referenza għall-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE") u erba' ftehimiet relatati, għandi l-unur ninfurmak li l-Komunità Ewropea tinsab lesta li tapplika l-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, fuq bażi proviżorja, mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara d-data li fiha jkunu tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop, sakemm ir-Repubblika ta' l-Iżlanda tkun disposta li tagħmel l-istess.

Inkun obbligat jekk tikkonferma li r-Repubblika ta' l-Iżlanda taqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Komunità Ewropea

B: Ittra mir-Repubblika ta' l-Iżlanda lill-Komunità Ewropea

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek illi rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tallum u nikkonfermalek il-qbil tar-Repubblika ta' l-Iżlanda. L-ittra tiegħek taqra hekk:

> "B'referenza għall-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE") u erba' ftehimiet relatati, għandi l-unur ninfurmak li l-Komunità Ewropea tinsab lesta li tapplika l-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE u l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, fuq bażi proviżorja, mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara d-data li fiha jkunu tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop, sakemm ir-Repubblika ta' l-Iżlanda tkun disposta li tagħmel l-istess."

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għar-Repubblika ta' l-Iżlanda

C: Ittra tal-Komunità Ewropea lill-Prinċipalità tal-Liechtenstein

Sinjur,

B'referenza għall-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE u erba' ftehimiet relatati"), għandi l-unur ninfurmak li l-Komunità Ewropea tinsab lesta li tapplika l-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE fuq bażi proviżorja, mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara d-data li fiha jkunu tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop, sakemm il-Prinċipalità tal-Liechtenstein tkun disposta li tagħmel l-istess.

Inkun obbligat jekk tikkonferma l-qbil tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein ma' din l-applikazzjoni proviżorja.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Komunità Ewropea

D: Ittra tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein lill-Komunità Ewropea

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek illi rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tallum u nikkonfermalek il-qbil tal-Prinċipalità tal-Liechtenstein. L-ittra tiegħek taqra hekk:

> "B'referenza għall-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE u erba' ftehimiet relatati"), għandi l-unur ninfurmak li l-Komunità Ewropea tinsab lesta li tapplika l-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE fuq bażi proviżorja, mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara d-data li fiha jkunu tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop, sakemm il-Prinċipalità tal-Liechtenstein tkun disposta li tagħmel l-istess."

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Prinċipalità tal-Liechtenstein

E. Ittra tal-Komunità Ewropea lir-Renju tan-Norveġja

Sinjur,

B'referenza għall-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE") u erba' ftehimiet relatati, għandi l-unur ninfurmak li l-Komunità Ewropea tinsab lesta li tapplika l-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE u dawn it-tliet ftehimiet relatati li ġejjin:

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

– Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

fuq bażi proviżorja, mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara d-data ta' meta jkunu tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop, sakemm ir-Renju tan-Norveġja jkun dispost li jagħmel l-istess.

Inkun obbligat jekk inti tkun tista' tikkonferma l-qbil tar-Renju tan-Norveġja ma' din l-applikazzjoni proviżorja.

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Komunità Ewropea

F: Ittra tar-Renju tan-Norveġja lill-Komunità Ewropea

Sinjur,

Għandi l-unur ngħarrfek illi rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tallum u nikkonfermalek il-qbil tar-Renju tan-Norveġja. L-ittra tiegħek taqra hekk:

"B'referenza għall-Ftehim dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ("Il-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE") u erba' ftehimiet relatati, għandi l-unur ninfurmak li l-Komunità Ewropea tinsab lesta li tapplika l-Ftehim dwar it-Tkabbir taż-ŻEE u dawn it-tliet ftehimiet relatati li ġejjin:

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

– Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

– Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara l-adeżjoni tal-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

fuq bażi proviżorja, mill-ewwel jum ta' l-ewwel xahar ta' wara d-data li fiha jkunu tlestew il-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop, sakemm ir-Renju tan-Norveġja jkun dispost li jagħmel l-istess."

Nitolbok taċċetta, Sinjur, l-assigurazzjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għar-Renju tan-Norveġja

FTEHIM
DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA U R-RUMANIJA
FIŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem magħrufin bħala "Stati Membri tal-KE"

L-IŻLANDA,

IL-PRINĊIPAT TA' LIECHTENSTEIN,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,

minn hawn 'il quddiem magħrufin bħala "Stati ta' l-EFTA",

flimkien magħrufin bħala "Partijiet Kontraenti Preżenti",

kif ukoll

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-RUMANIJA,

BILLI t-Trattat li jikkonċerna l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsemmi t-"Trattat ta' l-Adeżjoni") ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005;

BILLI, skond l-Artikolu 128 tal-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju 1992, kull Stat Ewropew li jsir membru tal-Komunità għandu japplika sabiex jagħmel parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsemmi l-"Ftehim taż-ŻEE");

BILLI r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija applikaw sabiex ikunu Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE;

BILLI t-termini u l-kundizzjonijiet għal din il-parteċipazzjoni għandhom ikunu s-suġġett ta' Ftehim bejn il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Istati applikanti,

IDDEĊIDEW li jikkonkludu l-Ftehim li ġej:

Artikolu 1

1. Ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija hawnhekk isiru Partijiet Kontraenti tal-Ftehim taż-ŻEE u għandhom minn hawn 'il quddiem jissemmew bħala l-"Partijiet Kontraenti Ġodda".

2. Mid-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim taż-ŻEE, kif emendati mid-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE adottat qabel l-1 ta' Ottubru 2004, għandhom jorbtu lill-Partijiet Kontraenti Ġodda bl-istess kundizzjonijiet bħall-Partijiet Kontraenti Preżenti u mat-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Ftehim.

3. L-Annessi ma' dan il-Ftehim jiffurmaw parti integrali minn dan il-Ftehim.

Artikolu 2

1. AĠĠUSTAMENTI FUQ IT-TEST EWLIENI TAL-FTEHIM taż-ŻEE

   (a) Preambolu:

Il-lista tal-Partijiet Kontraenti għandha tinbidel ma' li ġej:

"IL-KOMUNITà EWROPEA,

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' FRANZA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA' L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TA' L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA' L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

U

l-IŻlanda,

IL-PRINĊIPAT TA' LIECHTENSTEIN,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,";

(b) Artikolu 2:

(i) fil-paragrafu (b), il-kliem "Repubblika ta'" għandhom jitħassru;

(ii) Il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud wara l-paragrafu (d):

"(e) it-terminu "Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005" għandu jfisser l-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hi mwaqqfa l-Unjoni Ewropea, adottat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005;

(f) it-terminu "Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005" għandu jfisser il-Protokoll li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, adottat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005.";

(c) Artikolu 117:

It-test ta' l-Artikolu 117 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"Dispożizzjonijiet li jiggvernaw il-Mekkaniżmi Finanzjarji huma stipulati fil-Protokoll 38, Protokoll 38a u l-Addendum għall-Protokoll 38a";

(d) Artikolu 126:

Fil-paragrafu 1, il-kliem "Repubblika ta'" għandhom jitħassru;

(e) Artikolu 129:

(i) It-tieni sotto-paragrafu ta' paragrafu 1 għandu jinbidel ma' li ġej:

"Wara t-tkabbir taż-Żona Ekonomika Ewropea il-verżjonijiet ta' dan il-Ftehim bl-ilsien Bulgaru, Ċek, Estonjan, Ungeriż, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Rumen, Slovakk u Sloven għandu jkun ugwalment awtentiku.";

(ii) It-tielet sotto-paragrafu ta' paragrafu 1 għandu jinbidel ma' li ġej:

"It-testi ta' l-atti msemmija fl-Annessi huma ugwalment awtentiċi bil-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finnlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż kif ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea u għall-awtentikazzjoni tagħhom għandhom jitħejjew bl-islien Iżlandiż u Norveġiż u ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.".

2. L-AĠĠUSTAMENTI FUQ IL-PROTOKOLLI TAL-FTEHIM TAŻ-ŻEE

Il-Protokoll 4 dwar ir-regoli ta' oriġini għandu jkun emendat kif ġej:

i. Fl-Artikolu 3(1), ir-referenza tal-Partijiet Ġodda Kuntrattanti għas-segwenti speċi għandhom jitħassru:

ii. L-Anness IVa (Test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat) għandu jkun emendat kif ġej:

(aa) Li ġej għandu jiddaħħal qabel il-verżjoni Spanjola tat-test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat:

'Verżjoni Bulgara

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … (1)) декларира, че освен където е отбелязано друго, тези продукти са с преференциален произход … (2).';

(bb) Li ġej għandu jiddaħħal qabel il-verżjoni Slovena tat-test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat:

'Verżjoni Rumena

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală nr. …(1)) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială … (2).';

iii. L-Anness IVb (Test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat EUR-MED) għandu jkun emendat kif ġej:

(aa) Li ġej għandu jiddaħħal qabel il-verżjoni Spanjola tat-test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat EUR-MED:

'Verżjoni Bulgara

Износителят на продуктите, обхванати от този документ (митническо разрешение № … (1)) декларира, че освен където е отбелязано друго, тези продукти са с преференциален произход … (2).

– akkumulazzjoni applikata ma' ... ... (isem tal-pajjiż/pajjiżi)

– ebda akkumulazzjoni applikata(3)';

(bb) Li ġej għandu jiddaħħal qabel il-verżjoni Slovena tat-test tad-dikjarazzjoni tal-fatturat EUR-MED:

'Verżjoni Rumena

Exportatorul produselor ce fac obiectul acestui document (autorizația vamală nr. …(1)) declară că, exceptând cazul în care în mod expres este indicat altfel, aceste produse sunt de origine preferențială … (2).

– akkumulazzjoni applikata ma' ... ... (isem tal-pajjiż/pajjiżi)

– ebda akkumulazzjoni applikata(3)';

– Il-Protokoll 38a għandu jkun emendat kif ġej:

fl-Artikolu 4(3), il-kelma "'għandha'" għandha tiġi mibdula bil-kelma "tista'".

– Dan li ġej għandu jkun miżjud mal-Protokoll 38a:

'Addendum GĦALL-ProtoKolL 38A

DWAR IL-MEKKANIŻMU FINANZJARJU TAŻ-ŻEE GĦAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA U R-RUMANIJA

Artikolu 1

(1) Il-Protocoll 38a għandu japplika mutatis mutandis għar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija.

(2) Minkejja dan il-paragrafu 1, Artikolu 6 tal-Protokoll 38a ma japplikax. M'għandha tkun applikabbli ebda riallokazzjoni għal kwalunkwe Stat Benefiċjarju ieħor fil-każ ta' fondi disponibbli mhux impenjati tal-Bulgarija u r-Rumanija.

(3) Minkejja l-paragrafu 1, Artikolu 7 tal-Protokoll 38a ma japplikax.

(4) Minkejja l-paragrafu 1, kontribuzzjonijiet għal organizzazzjonijiet non-governativi u sħab soċjali jista' jammonta għal 90 fil-mija ta' l-ispejjeż tal-proġett.

Artikolu 2

L-ammonti addizzjonali għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ser ikunu ta' EUR 21,5 miljun għar-Repubblika tal-Bulgarija

u EUR 50,5 miljun għar-Rumanija matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2007 u t-30 ta' April 2009, inklużivi; isiru disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew bi ftehim biex il-Ftehim jiġi applikat b'mod proviżjonali u jkun disponibbli għal impenn f'parti unika fl-2007.'

– It-test ta' Protokoll 44 għandu jinbidel ma' li ġej:

"DWAR IL-MEKKANIŻMI TA' SALVAGWARDJA WARA T-TKABBIR TAŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

(1) L-applikazzjoni ta' l-Artikolu 122 tal-Ftehim tal-Klawsola ta' Salvagwardja Ekonomika Ġenerali u l-mekkaniżmi ta' salvagwardja f'ċerti arranġamenti tranżitorji fil-Qasam tal-Moviment Ħieles tal-Persuni u Trasport tat-Triq

L-Artikolu 112 tal-Ftehim għandu jkun applikabbli wkoll fuq is-sitwazzjonijiet speċifikati jew imsemmija

(a) fid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 37 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003, u ta' l-Artikolu 36 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, tal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005, u

(b) fil-mekkaniżmi ta' salvagwardja fl-arranġamenti tranżitorji taħt l-intestaturi "Perjodi Tranżitorji" fl-Anness V (Moviment ħieles ta' ħaddiema) u l-Anness VIII (Id-dritt ta' stabbiliment), f'punt 30 (Id-direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) ta' l-Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, il-liġi tax-xogħol, u t-trattament ugwali bejn nisa u irġiel) u f'punt 26c (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3118/93) ta' l-Anness XIII (It-Trasport) bl-istess limiti taż-żmien, skop u effetti kif stabbilit f'dawk id-dispożizzjonijiet.

(2) Klawsola għas-Salvagwardja tas-Suq Intern

Il-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet prevista fil-Ftehim għandha tkun applikabbli wkoll fuq deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 38 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2005, u ta' l-Artikolu 37 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, tal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005.".

Artikolu 3

1. Kull emenda ta' atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità inkorporati fil-Ftehm taż-ŻEE, li saru permezz ta' l-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, jew skond il-każ, il-Protokoll li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, huma b'dan inkoporati fil-Ftehim taż-ŻEE.

2. Għal dan il-għan, is-sotto-paragrafu li ġej huwa introdott fil-punti ta' l-Annessi u l-Protokolli mal-Ftehim taż-ŻEE li fih referenzi għall-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Komunità ikkonċernati:

"– 1 2005 SA: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hi mwaqqfa l-Unjoni Ewropea adottat fil-25 ta' April (ĠU L 157, 21.6.2005, p.203).".

3. Jekk u immedjatament wara li t-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jidħol fis-seħħ, is-sotto-paragrafu li ġej għandu jibdel is-sotto-paragrafu imsemmi f'paragrafu 2:

"– 1 2005 SP: Il-Protokoll li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea adottat fil-25 ta' April (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 29).".

4. Jekk is-sotto-paragrafu msemmi f'paragrafu 2 u 3 jkun l-ewwel sotto-paragrafu tal-punt in kwistjoni, għandu jiġi preċedut bil-kliem ", kif emendat skond:".

5. L-Anness A għal dan il-ftehim jelenka l-punti fl-Annessi u l-Protokolli tal-Ftehim taż-ŻEE fejn it-test imsemmi f'paragrafi 2, 3 u 4 għandhom jiġu introdotti.

6. Fejn atti inkorporati mal-Ftehim taż-ŻEE qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim jeħtieġu adattamenti minħabba l-parteċipazzjoni tal-Partijiet Kontraenti Ġodda, u l-adattamenti meħtieġa ma jkunux ġew previsti f'dan il-Ftehim, dawk l-adattamenti ser jiġu indirizzati skond il-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE.

Artikolu 4

1. L-arranġamenti fl-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija imsemmija fit-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea imsemmija fl-Anness B ta' dan il-Ftehim huma b'dan inkorporati u parti mill-Ftehim taż-ŻEE.

2. Jekk u immedjatament wara li t-Trattat li jistabilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa jidħol fis-seħħ, l-arranġamenti msemmija fl-Anness B għandhom jinftiehmu li jkunu saru mill-Protokoll li jikkonċerna l-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea..

3. Kull arranġament ta' relevanza għall-Ftehim taż-ŻEE msemmi jew adottat fuq il-bażi ta' l-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea, jew, skond il-każ, il-Protocoll dwar il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għad-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, li mhuwiex rifless fl-Anness B ta' dan il-Ftehim, ser jiġi indirizzat skond il-proċeduri stabbiliti fil-Ftehim taż-ŻEE .

Artikolu 5

Kull Parti ta' dan il-Ftehim tista' ttella' kull kwistjoni li tikkonċerna l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tiegħu quddiem il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE. Il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE għandu jeżamina l-kwistjoni sabiex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għat-tħaddim tajjeb tal-Ftehim taż-ŻEE.

Artikolu 6

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi rratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda skond il-proċeduri tagħhom stess. Dawn l-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Dan jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara d-depożitu ta' l-aħħar istrument ta' ratifika jew approvazzjoni tal-Parti Kuntrattanti Preżenti jew Parit Kuntrattanti Ġdida, sakemm il-ftehimiet u l-protokolli relatati jidħlu fis-seħħ fl-istess jum.

   (a) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp sostenibbli fil-Bulgarija;

   (b) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp sostenibbli fir-Rumanija;

   (c) Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda wara d-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea; kif ukoll

   (d) Protokoll addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja wara d-dħul tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 7

Dan il-Ftehim, imħejji f'kopja oriġinali waħda bl-ilsien Bulgaru, Ċek, Olandiż, Ingliż, Estonjan, Finnlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ungeriż, Iżlandiż, Taljan, Latvjan, Litwan, Malti, Norveġiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol u Żvediż, bit-test f'kull wieħed minn dawn l-ilsna jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi ddepożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, li ser jibgħat kopja ċċertifikata lil kull wieħed mill-Gvernijiet tal-Partijiet ta' dan il-Ftehim.

L-ANNESS A

Il-Lista msemmija fl-Artikolu 3 tal-Ftehim

ATTI MSEMMIJA FIL-FTEHIM EMENDAT ŻEE

BL-ATT LI JIKKONĊERNA L-KONDIZZJONIJET TA' L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA TAR-RUMANIJA U R-RUMANIJA U L-AĠĠUSTAMENTI FIT-TRATTATI LI FUQHOM L-UNJON EWROPEA HI MWAQQFA JEW, SKOND IL-KAŻ LI JKUN, IL-PROTOKOLL DWAR IL-KUNDIZZJONIJIET U L-ARRANĠAMENTI GĦAD-DĦUL TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA U R-RUMANIJA U, SKOND IL-KAŻ, L-ATT DWAR IL-KUNDIZZJONIJIET U L-ARRANĠAMENTI GĦAD-DĦUL TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA U R-RUMANIJA FL-UNJONI EWROPEA

L-inċiżi msemmija fl-Artikolu 3(2) u 3(3) għandhom jiddaħħlu fejn ġej fl-Annessi u l-Protokolli tal-Ftehim ŻEE:

Fil-Kapitolu XXVII (Xorb Alkoħoliku) ta' l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni):

– Punt 1 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89),

– Punt 3 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91);

Fl-Anness XIII (It-Trasport):

– Punt 19 (Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE),

Fl-Anness XVII (Il-Propjetà Intellettwali):

– Punt 6 (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1768/92),

– Punt 6a (Regolament KE) Nru 1610/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill);

PART II

EMENDI OĦRA FL-ANNESSI FIL-FTEHIM TAŻ-ŻEE

L-emendi li ġejjin għandhom isiru fl-Annessi tal-Ftehim taż-ŻEE:

Fl-Anness V (Il-moviment ħieles tal-ħaddiema):

1) Fil-punt 3 (Id-Direttiva tal-Kunsill 68/360/KE), l-addattament (e)(ii) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"(ii) in-nota ta' taħt għandha tinbidel b'dan li ġej:

"Belġjan, Bulgaru, Ċek, Daniż, Germaniż, Estonjan, Grieg, Iżlandiż, Spanjol, Franċiż, Irlandiż, Taljan, Ċiprijott, Latvjan, Liechtenstein, Litwan, Lussemburgiż, Ungeriż, Malti, Olandiż, Norveġiż, Awstrijak, Pollakk, Portugiż, Rumen, Sloven, Slovakk, Finlandiż, Żvediż u Brittaniku skond il-pajjiż li joħroġ il-permess.".

ANNESS B

Il-Lista msemmija fl-Artikolu 4 tal-Ftehim

L-Annessi mal-Ftehim ŻEE għandhom jiġu emendati kif ġej:

Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni):

1. F'Kapitolu XV, Punt 12a (Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji:

"L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għar-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 5, Taqsima B, Parti II), għandhom japplikaw.";

2. Fil-Kapitolu XVII, Punt 7 (Direttiva 94/62/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

"L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 10, Taqsima B, Parti 2) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima B, punt 2), għandhom japplikaw.";

3. Fil-Kapitolu XVII, Punt 8 (Direttiva 94/63/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

"L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 10, Taqsima A, Punt 1) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima A), għandhom japplikaw.";

4. Fil-Kapitolu XXV, Punt 3 (Direttiva 2001/37/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal qabel it-test dwar l-adattament:

"L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 7), għandhom japplikaw.";

Anness V (Il-Moviment liberu tal-ħaddiema):

It-test tat-tieni paragrafu taħt l-intestatura "PERJODU TRANŻITORJU" għandu jinbidel b'dan il-ġej:

"L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 1) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 1), għandhom japplikaw.

Dwar il-mekkaniżmi ta' ħarsien inklużi fl-arranġamenti tranżitorji msemmija fil-paragrafi ta' qabel, bl-eċċezzjoni ta' l-arranġamenti għal Malta, PROTOKOLL 44 DWAR IL-MEKKANIŻMI TA' ĦARSIEN SKOND IT-TKABBIR TAŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA għandhom japplikaw."

Anness VIII (Id-Dritt ta’ Stabbiliment):

It-test tat-tieni paragrafu taħt l-intestatura “PERJODU TRANŻITORJU” għandu jinbidel b’dan il-ġej:

“L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 1) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 1), għandhom japplikaw.

Dwar il-mekkaniżmi ta’ ħarsien inklużi fl-arranġamenti tranżitorji msemmija fil-paragrafi ta’ qabel, bl-eċċezzjoni ta’ l-arranġamenti għal Malta, PROTOKOLL 44 DWAR IL-MEKKANIŻMI TA’ ĦARSIEN SKOND IT-TKABBIR TAŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA għandhom japplikaw.”

Anness IX (Is-Servizzi finanzjarji):

F’punt 30c (Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

“L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 2) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 2), għandhom japplikaw.”.

Anness XI (Is-Servizzi tat-telekomunikazzjoni):

F’punt 5cm (Direttiva 2002/22/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal qabel it-test dwar l-adattament:

“L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 9), għandhom japplikaw.”;

Anness XII (Il-Moviment liberu tal-kapital):

Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu taħt l-intestatura “PERJODU TRANŻITORJU”:

“L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 3) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 3), għandhom japplikaw.”;

Anness XIII (It-Trasport):

1. F’punt 15a (Direttiva tal-Kunsill 96/53//KE, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

   “L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 5) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 6, punt 2), għandhom japplikaw.”;

2. F’punt 18a (Direttiva tal-Kunsill 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

"L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għar-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 6, punt 3), għandhom japplikaw.";

3. F'punt 19 (Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

"L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 5, punt 2), għandhom japplikaw.";

4. F'punt 26c (Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3118/93), it-test tat-tieni paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji għandu jinbidel b'dan li ġej:

L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 5, punt 1) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 6, punt 1), għandhom japplikaw.

Dwar il-mekkaniżmi ta' ħarsien inklużi fl-arranġamenti tranżitorji msemmija fil-paragrafi ta' qabel, PROTOKOLL 44 DWAR IL-MEKKANIŻMI TAT-TKABBIR TAŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA għandhom japplikaw.";

Anness XV (L-Għajnuna statali):

1. Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied fi tmiem ta' l-"ADATTAMENTI SETTORJALI":

"L-arranġamenti dwar l-iskemi eżistenti stipulati fil-Kapitolu 2 (Politika tal-Kompetizzjoni) ta' l-Anness V ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għandhom japplikaw bejn il-Partijiet Kontraenti";

2. Dan li ġej għandu jiddaħħal qabel l-intestatura "ATTI MSEMMIJA":

"PERJODU TRANŻITORJU

L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għar-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 4), għandhom japplikaw.";

Anness XVII (Il-Propjetà Intellettwali):

Dan li ġej għandu jiżdied taħt l-intestatura "ADATTAMENTI SETTORJALI" għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Il-mekkaniżmi speċifiċi stipulati fil-Kapitolu 1 (Politika Azjendali) ta' l-Anness V ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għandhom japplikaw bejn il-Partijiet Kontraenti";

Anness XVIII (Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u t-trattament ugwali għall-irġiel u n-nisa):

F’punt 30 (Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), it-test tat-tieni paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji għandu jinbidel b’dan li ġej:

“L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 1) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 1), għandhom japplikaw.]

Dwar il-mekkaniżmi ta’ ħarsien inklużi fl-arranġamenti tranżitorji msemmija fil-paragrafi ta’ qabel, PROTOKOLL 44 DWAR IL-MEKKANIŻMI TA’ ĦARSIEN SKOND IT-TKABBIR TAŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA għandhom japplikaw.”

Anness XX (L-Ambjent):

1. F’punt 1f (Direttiva tal-Kunsill 96/61//KE, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

   “L-arranġamenti tranżitorji elenkati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 10, Taqsima D, punt 1) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima B, punt 1), għandhom japplikaw.”;

2. F’punt 7a (Direttiva tal-Kunsill 98/83//KE, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

   “L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għar-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima C, punt 5), għandhom japplikaw.”;

3. F’punt 9 (Direttiva tal-Kunsill 83/513/KEE), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

   “L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għar-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima C, punt 1), għandhom japplikaw.”;

4. F’punt 10 (Direttiva tal-Kunsill 84/156/KEE), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

   “L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għar-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima C, punt 1), għandhom japplikaw.”;

5. F’punt 11 (Direttiva tal-Kunsill 84/491//KEE, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej qabel it-test dwar l-adattament:

   “L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għar-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima C, punt 2), għandhom japplikaw.”;

6. F’punt 12 (Direttiva tal-Kunsill 86/280/KEE), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

   “L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għar-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima C, punt 3), għandhom japplikaw.”;

7. F’punt 13 (Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

“L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att dwar l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 10, Taqsima C) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima C, punt 4), għandhom japplikaw.”;

8. F’punt 19a (Direttiva tal-Kunsill 2001/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

“L-arranġamenti tranżitorji elenkati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 10, Taqsima D, punt 2) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima B, punt 3), għandhom japplikaw.”;

9. F’punt 21ad (Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

“L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 10, Taqsima A, punt 2), għandhom japplikaw.”;

10. F’punt 32c (Direttiva tal-Kunsill KEE Nru 259/93), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

“L-arranġamenti tranżitorji elenkati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 10, Taqsima B, punt 1) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima B, punt 1), għandhom japplikaw.”;

11. F’punt 32d (Direttiva tal-Kunsill 1999/31//KE, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

“L-arranġamenti tranżitorji elenkati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija (Anness VI, Kapitolu 10, Taqsima B, punt 3) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima B, punt 3), għandhom japplikaw.”;

12. F’punt 32f (Direttiva 2000/76/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal qabel it-test dwar l-adattament:

“L-arranġamenti tranżitorji stipulati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għar-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima D, punt 2), għandhom japplikaw.”;

13. F’punt 32fa (Direttiva tal-Kunsill 2002/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill), il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal bejn il-paragrafu dwar l-arranġamenti tranżitorji u t-test dwar l-adattament:

“L-arranġamenti tranżitorji elenkati fl-Annessi ma' l-Att ta’ l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 jew, skond il-każ, mal-Protokoll ta' l-Adeżjoni tal-25 ta' April 2005 għall-Bulgarija

(Anness VI, Kapitolu 10, Taqsima B, punt 4) u r-Rumanija (Anness VII, Kapitolu 9, Taqsima B, punt 4), għandhom japplikaw.”;

ATT FINALI

Il-plenipotenzjarji:

TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

’il quddiem imsejħa “il-Komunità”, u ta’:

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-ESTONJA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA’ MALTA,

IR-RENJU TA’ L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA’ L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U TA’ L-IRLANDA TA’ FUQ,

Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-KOMUNITÀ EWROPEA, ’il quddiem imsejħin “l-Istati Membri tal-KE”,

il-plenipotenzjarji ta':

L-IŻLANDA,

IL-PRINĊIPAT TAL-LIECHTENSTEIN,

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA,

'il quddiem imsejħin "l-Istati ta' l-EFTA",

kollha flimkien Partijiet Kontraenti għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea li sar f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992, 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim taż-ŻEE", 'il quddiem imsejħin flimkien "il-Partijiet Kontraenti Preżenti",

u

il-plenipotenzjarji ta':

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-RUMANIJA,

'il quddiem imsejħin "il-Partijiet Kontraenti Ġodda",

li qegħdin jiltaqgħu f' […], f'dan il- […] jum ta' […] fis-sena elfejn u […] biex jiffirmaw il-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, adottaw it-testi li ġejjin:

I. Il-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea ('il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim");

II. It-testi elenkati hawn taħt li huma mehmużin mal-Ftehim:

Anness A: Lista msemmija fl-Artikolu 3 tal-Ftehim;

Anness B: Lista msemmija fl-Artikolu 4 tal-Ftehim.

Il-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Ġodda adottaw id-Dikjarazzjonijiet u l-Istqarrijiet Konġunti elenkati hawn taħt u mehmużin ma' dan l-Att Finali:

1. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-ratifika f'waqtha tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

2. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar id-data ta' skadenza ta' l-arranġamenti tranżitorji;

3. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-applikazzjoni tar-regoli ta' oriġini wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

4. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar kummerċ fi prodotti agrikoli u fi prodotti agrikoli pproċessati;

5. Id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-adattament settorjali tal-Liechtenstein fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni;

6. L-Istqarrija Konġunta dwar is-setturi prijoritarji msemmija fil-Protokoll 38a;

7. L-Istqarrija Konġunta dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji.

Il-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-plenipotenzjarji tal-Partijiet Kontraenti Ġodda ħadu nota tad-Dikjarazzjonijiet elenkati hawn taħt u mehmużin ma' dan l-Att Finali:

1. Id-Dikjarazzjoni Ġenerali Konġunta ta' l-Istati ta' l-EFTA;

2. Id-Dikjarazzjoni Konġunta ta' l-Istati ta' l-EFTA dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema;

3. Id-Dikjarazzjoni Unilaterali mill-Gvern tal-Liechtenstein dwar l-Addendum għall-Protokoll 38a.

Qablu wkoll li, sa mhux iktar tard mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, il-Ftehim taż-ŻEE, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea u t-testi kompleti ta' kull Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, għandhom isiru u jkunu awtentikati mir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti Preżenti u tal-Partijiet Kontraenti Ġodda bil-lingwa Bulgara u bil-lingwa Rumena.

Jieħdu nota tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija, li huwa wkoll mehmuż ma' dan l-Att Finali.

Jieħdu wkoll nota tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fir-Rumanija, li hu mehmuż ma' dan l-Att Finali.

Jieħdu mbagħad nota tal-Protokoll Addizzjonali mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, li huwa mehmuż ma' dan l-Att Finali.

Jieħdu wkoll nota tal-Protokoll Addizjonali mal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b'rużultat l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, li huwa wkoll mehmuż ma' dan l-Att Finali.

Jenfasizzaw li l-ftehim u l-protokolli msemmijin hawn fuq kien hemm qbil dwarhom fuq is-suppozizzjoni li l-parteċipazzjoni fiż-Żona Ekonomika Ewropea tibqa' ma tinbidilx.

Magħmul f' […] fil- […].

Għall-Komunità Ewropea

DIKJARAZZJONIJIET U STQARRIJIET KONĠUNTI

MILL-PARTIJIET KONTRAENTI PREŻENTI U MILL-PARTIJIET KONTRAENTI ĠODDA GĦALL-FTEHIM

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

DWAR IR-RATIFIKA F'WAQTHA

TAL-FTEHIM DWAR IL-PARTEĊIPAZZJONI

TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA U TAR-RUMANIJA

fiŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda jisħqu fuq l-importanza ta' ratifika jew approvazzjoni f'waqtha tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea mill-Partijiet Kontraenti Preżenti u mill-Partijiet Kontraenti Ġodda skond il-ħtiġiet kostituzzjonali rispettivi tagħhom biex ikun assigurat il-funzjonament tajjeb taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Dikjarazzjoni Konġunta

Dwar id-Data TA' Skadenza

ta' l-arranġamenti Tranżitorji

L-arrangamenti tranżitorji tat-Trattat ta' Adeżjoni għandhom jiddaħħlu fil-Ftehim taż-ŻEE u għandhom jiskadu fl-istess data li fiha kienu jiskadu li kieku t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea u taż-ŻEE seħħ simultanjament fl-1 ta' Jannar 2007.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

DWAR L-APPLIKAZZJONI

TAR-REGOLI TA' ORIĠINI WARA D-DĦUL FIS-SEĦĦ

TAL-FTEHIM dwar il-parteċipazzjoni

tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija

fiż-Żona Ekonomika Ewropea

1. Prova ta' oriġini maħruġa kif imiss minn Stat ta' l-EFTA jew minn Parti Kontraenti Ġdida fil-kwadru ta' ftehim preferenzjali konkluż bejn l-Istati ta' l-EFTA u l-Parti Kontraenti l-Ġdida jew fil-kwadru ta' leġiżlazzjoni nazzjonali unilaterali ta' Stat ta' l-EFTA jew ta' Parti Kontraenti Ġdida għandha titqies bħala prova ta' oriġini preferenzjali taż-ŻEE, sakemm:

   (a) il-prova ta' oriġini u d-dokumenti ta' trasport ma jkunux inħarġu iktar tard mill-jum qabel l-adeżjoni tal-Parti Kontraenti l-Ġdida ma' l-Unjoni Ewropea;

   (b) il-prova ta' oriġini tintbagħat lill-awtoritajiet doganali fi żmien erba' xhur mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

   Fejn merkanzija kienet iddikjarata għal importazzjoni minn Stat ta' l-EFTA jew minn Parti Kontraenti Ġdida f'Parti Kontraenti Ġdida jew fi Stat ta' l-EFTA, rispettivament, qabel id-data ta' l-adeżjoni tal-Parti Kontraenti Ġdida ma' l-Unjoni Ewropea, skond arranġamenti preferenzjali fis-seħħ f'dak iż-żmien bejn Stat ta' l-EFTA u Parti Kontraenti Ġdida, prova ta' oriġini maħruġa retrospettivament skond dawk l-arranġamenti tista' wkoll tiġi aċċettata fl-Istati ta' l-EFTA jew fil-Partijiet Kontraenti Ġodda sakemm din tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali fi żmien erba' xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

2. L-Istati ta' l-EFTA, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, min-naħa l-oħra, huma awtorizzati jżommu l-awtorizzazzjonijiet li permezz tagħhom ingħata l-istat ta' "esportaturi approvati" fil-kwadru ta' ftehim konklużi bejn l-Istati ta' l-EFTA, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija jew ir-Rumanija, min-naħa l-oħra, sakemm l-esportaturi approvati japplikaw ir-regoli ta' oriġini taż-ŻEE.

   Dawn l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu sostitwiti mill-Istati ta' l-EFTA u mir-Repubblika tal-Bulgarija u mir-Rumanija, sa mhux iktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, permezz ta' awtorizzazzjonijiet ġodda maħruġa skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Protokoll 4 għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

3. Talbiet biex wara ssir il-verifika tal-prova ta' oriġini maħruġa skond il-ftehim u arranġamenti preferenzjali msemmija fil-paragrafi 1 u 2 hawn fuq għandhom ikunu aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati ta' l-EFTA u mill-Partijiet Kontraenti Ġodda għal perjodu ta' tliet snin wara l-ħruġ tal-prova ta' oriġini msemmija u jistgħu isiru minn dawk l-awtoritajiet għal perjodu ta' tliet snin wara aċċettazzjoni tal-prova ta' oriġini.

Dikjarazzjoni Konġunta

dwar Kummerċ fi Prodotti Agrikoli u

fi Prodotti Agrikoli Pproċessati.

1. Fil-kuntest tan-negozjati għat-tkabbir taż-ŻEE, saru konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda biex tkun eżaminata l-ħtieġa li jkunu aġġustati l-konċessjonijiet kummerċjali bilaterali għal prodotti agrikoli u għal prodotti agrikoli pproċessati fil-partijiet rilevanti tal-Ftehim taż-ŻEE jew fil-ftehim bilaterali rilevanti bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, rispettivament, fid-dawl tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.

2. Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda eżaminaw prodott bi prodott il-kondizzjonijiet ta' aċċess għas-suq u qablu li ebda konċessjoni kummerċjali addizzjonali fir-rigward ta' prodotti agrikoli jew prodotti agrikoli pproċessati m'għandha tiżdied ma' kull ftehim eżistenti fil-kuntest tat-tkabbir.

3. Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda qablu li l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja m'għandu jkollhom ebda pretensjoni jew m'għandhom jagħmlu ebda talba jew referenza jew m'għandhomx jimmodifikaw jew jirtiraw xi konċessjoni skond il-GATT 1994, Artikoli XXIV.6 u XXVIII dwar prodotti agrikoli li jkollhom x'jaqsmu ma' dan it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA DWAR

l-addatamenti settorjali tal-Liechtenstein

fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni

Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda,

– Waqt li jirreferu għall-adattamenti settorjali għal-Liechtenstein fil-qasam tal-moviment liberu tal-persuni kif introdotti bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 191/1999 u emendati mill-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fiż-Żona Ekonomika Ewropea ta' l-14 ta' Ottubru, 2003,

– Waqt li josservaw id-domanda kontinwa u kbira li hemm minn ċittadini ta' Stati tal-KE u ta' l-EFTA għal residenza fil-Liechtenstein, li taqbeż ir-rata netta ta' immigrazzjoni stabbilita fir-reġim imsemmi hawn fuq,

– Waqt li jqisu li l-parteċipazzjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-ŻEE tirriżulta f'għadd ikbar ta' ċittadini jkollhom id-dritt li jinvokaw il-moviment liberu tal-persuni kif stabbilit fil-Ftehim taż-ŻEE,

Jaqblu li jqisu kif imiss din is-sitwazzjoni fattwali, kif ukoll il-kapaċità ta' assorbiment li ma nbidlitx tal-Liechtenstein meta jiġu biex jirrevedu l-adattamenti settorjali fl-Annessi V u VIII mal-Ftehim taż-ŻEE.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

DWAR IS-SETTURI PRIORITARJI MSEMMIJA

FIL-PROTOKOLL 38A

Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda ifakkru li mhux is-setturi prioritarji kollha kif definiti fl-Artikolu 3 tal-Protokoll 38a għandhom ikunu koperti f'kull Stat Benefiċjarju.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

DWAR IL-KONTRIBUZZJONIJIET FINANZJARJI

Il-Partijiet Kontraenti Preżenti u l-Partijiet Kontraenti Ġodda jaqblu li d-diversi arranġamenti dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja miftiehma fil-kuntest tat-tkabbir taż-ŻEE m'għandhomx jikkostitwixxu preċedent għall-perjodu wara li jiskadu fit-30 ta' April, 2009.

DIKJARAZZJONIJIET OĦRA

MINN PARTI KONTRAENTI WAĦDA JEW IKTAR

GĦALL-FTEHIM

DIKJARAZZJONI ĠENERALI KONĠUNTA TA' L-ISTATI TA' L-EFTA

L-Istati ta' l-EFTA jieħdu nota tad-Dikjarazzjonijiet, li huma rilevanti għall-Ftehim taż-ŻEE, mehmużin ma' l-Att Finali tat-Trattat bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, l-Irlanda, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju ta' l-Olanda, ir-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju ta' l-Iżvezja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq (Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea) u r-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

L-Istati ta' l-EFTA jenfasizzaw li d-Dikjarazzjonijiet, li huma rilevanti għall-Ftehim taż-ŻEE, mehmużin ma' l-Att Finali tat-Trattat imsemmi fil-paragrafu preċedenti ma jistgħux ikunu interpretati jew applikati b'xi mod kuntrarju għall-obbligi tal-Partijiet Kontraenti Preżenti u tal-Partijiet Kontraenti Ġodda li jirriżultaw minn dan fil-Ftehim jew mill-Ftehim taż-ŻEE.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

MILL-ISTATI TA' L-EFTA DWAR

IL-MOVIMENT LIBERU TAL-ĦADDIEMA

L-Istati ta' l-EFTA jisħqu fuq l-elementi qawwija ta' divrenzjar u flessibilità fl-arranġamenti għall-moviment liberu tal-ħaddiema. Għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħtu iktar aċċess għas-suq tax-xogħol lil ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija skond id-dritt nazzjonali, bl-iskop li titħaffef l-approssimazzjoni għall-acquis. B'konsegwenza ta' dan, l-opportunitajiet ta' impjieg fil-Istati ta' l-EFTA għal ċittadini tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija għandhom jitjiebu sostanzjalment ma' l-adeżjoni ta' dawn l-Istati. Barra minn hekk, l-Istati ta' l-EFTA se jagħmlu l-aħjar użu ta' l-arranġamenti proposti biex jaslu malajr kemm jista' jkun għall-applikazzjoni sħiħa ta' l-acquis fil-qasam tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Għal-Liechtenstein, dan isir skond l-arranġamenti speċifiċi kif previst fl-Adattamenti Settorjali għall-Anness V (Moviment liberu tal-ħaddiema) u l-Anness VIII (Dritt ta' stabbiliment) għall-Ftehim taż-ŻEE.

DIKJARAZZJONI UNILATERALI

MILL-GVERN TAL-Liechtenstein

DWAR L-ADDENDUM GĦALL-PROTOKOLL 38a

Il-Gvern tal-Liechtenstein,

– Waqt li jirreferi għall-Addendum għall-Protokoll 38a,

– Waqt li jfakkar li kien miftiehem li l-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jibbenefikaw indaqs mill-kontribuzzjonjiet ta' l-Istati ta' l-EFTA għat-tnaqqis ta' disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea bħall-Istati Benefiċjarji msemmija fl-Artikolu 5 tal-Protokoll 38a u waqt li jqis il-fattur tal-proporzjonalità msemmi f'dan l-artikolu,

– Waqt li jinnota li l-Istati ta' l-EFTA għamlu sforz straordinarju fil-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE biex iżidu l-fondi favur il-Bulgarija u r-Rumanija,

Jiddikjara li fil-fehma tiegħu, skond ir-reviżjoni prevista fl-Artikolu 9 tal-Protokoll 38a, kull arranġament finanzjarju ulterjuri possibbli miftiehem għandu jqis it-tnaqqis diġà miksub tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali sabiex jitnaqqsu kontribuzzjonijiet mit-tliet Stati ta' l-EFTA proporzjonatament, jekk Stat Benefiċjarju wieħed jew iktar li hemm bħalissa ma jikkwalifikax iktar għal fondi skond arranġament bħal dan.

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija

A. Ittra mill-Komunità Ewropea

Sinjur…,

Għandi l-unur nagħmel referenza għan-negozjati li seħħew bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ("in-Norveġja") fil-kuntest li l-Bulgarija se ssir parti kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE u t-twaqqif ta' Programm ta' Kooperazzjoni għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli fil-Bulgarija.

Ir-riżultati tan-negozjati huma kif ġej:

1. Għandu jkun stabbilit Programm ta' Kooperazzjoni biex jippromwovi l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fil-Bulgarija permezz ta' proġetti bilaterali bejn in-Norveġja u l-Bulgarija, skond ftehim bilaterali bejn iż-żewġ Stati. It-test tal-ftehim bilaterali huwa mehmuż bħala parti integrali ta' dan l-Iskambju ta' Ittri.

2. Għall-iskop tal-Programm, in-Norveġja għandha tagħmel disponibbli ammont totali ta' 20 miljun EUR, għall-impenn f'pagament wieħed fl-2007. Dan l-ammont għandu jkun disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' ftehim biex dak il-Ftehim ikun applikat provviżorjament, sat-30 ta' April 2009.

3. Dan l-Iskambju ta' Ittri:

   a) għandu jkun irratifikat jew approvat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u min-Norveġja skond il-proċeduri rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

   b) għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara d-depożitu ta' l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni bil-kondizzjoni li l-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni tal-ftehim relatati li ġejjin ikunu ġew iddepożitati wkoll:

      (i) Il-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

      (ii) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

      (iii) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea; u

      (iv) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Inkun obbligat jekk inti tikkonferma li taqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Jekk jogħġbok, aċċetta, Sinjur …, l-espressjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Komunità Ewropea

Anness: 1

AnneSS

FTEHIM GĦAL PROGRAMM NORVEĠIŻ TA' KOOPERAZZJONI

GĦAL TKABBIR EKONOMIKU U ŻVILUPP SOSTENIBBLI FIL-BULGARIJA

bejn

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA

u

R-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"

***

Artikolu 1

Għan

Għandu jkun stabbilit Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni biex jippromwovi l-iżvilupp soċjali u sostenibbli fil-Bulgarija permezz ta' proġetti bilaterali ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet fis-setturi msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 2

Skop Finanzjarju

Għall-fini tal-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Renju tan-Norveġja għandu jagħmel disponibbli ammont totali ta' 20 miljun EUR, għall-impenn f'pagament wieħed fl-2007.

Artikolu 3

DewmienDewmien

L-ammont imsemmi fl-Artikolu 2 għandu jkun magħmul disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Partepazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim biex il-Ftehim ikun applikat provviżorjament, sat-30 ta' April 2009.

Artikolu 4

Setturi prijoritarji

Il-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għall-Bulgarija għandu jkun disponibbli għal proġetti bilaterali ta' kooperazzjoni bejn applikanti eliġibbli mill-Partijiet għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fir-Repubblika tal-Bulgarija fis-setturi prijoritarji li ġejjin:

– It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass serra, inklużi proġetti ta' Implimentazzjoni Konġunta skond il-Protokoll ta' Kyoto, u emissjonijiet oħra fl-ajru u fl-ilma;

– L-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġija rinovabbli;

– il-faċilitazzjoni ta' produzzjoni sostenibbli, inkluża ċ-ċertifikazzjoni u l-verifika;

– l-implimentazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen, appoġġ għall-Pjanijiet Nazzjonali ta' Schengen kif ukoll it-tisħiħ tal-ġudikatura.

Attivitajiet possibbli huma inter alia l-innovazzjoni, l-iżvilupp ta' riżorsi umani, in-netwerking, il-formazzjoni ta' ħiliet, it-trasferiment tat-teknoloġija u r-riċerka u l-iżvilupp.

Artikolu 5

Limiti ta' kofinanzjament

Il-kontribuzzjoni Norveġiża fil-forma ta' għotjiet m'għandhiex taqbeż is-60% ta' l-ispiża tal-proġett ħlief għal proġetti ffinanzjati xort'oħra minn allokazzjonijiet ċentrali, reġjonali jew lokali tal-baġit tal-gvern, fejn il-kontribuzzjoni tista' ma taqbiżx il-85% ta' l-ispiża tal-proġett. Limiti Komunitarji għal ko-finanzjament m'għandhomx jinqabżu f'kull każ. Kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil imsieħba soċjali jistgħu jkunu sa 90% ta' l-ispejjeż ta' proġett.

Artikolu 6

Ġestjoni

Il-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għall-Bulgarija għandu jkun immaniġġjat mill-Gvern Norveġiż jew minn entità maħtura minnu. L-Entità tal-Ġestjoni għandha tikkonsulta mal-Punt Fokali li għandu jinħatar mill-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija. Il-Kummissjoni tista' tissorvelja l-proġetti.

Dispożizzjonijiet ulterjuri għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jinħarġu mill-Gvern Norveġiż skond il-ħtieġa.

L-ispejjeż għall-ġestjoni tal-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għandhom ikunu koperti mill-ammont imsemmi fl-Artikolu 2.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim għandu jkun irratifikat mir-Renju tan-Norveġja u mir-Repubblika tal-Bulgarija skond il-proċeduri nazzjonali tagħhom. Għandu jidħol fis-seħħ tletin jum wara d-data li fiha l-aħħar Parti tkun iddepożitat l-istrument ta' ratifika tagħha mal-Ministeru Norveġiż għall-

Affarijiet Barranin, iżda mhux qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim biex l-aħħar imsemmi ftehim ikun applikat provviżorjament.

Magħmul fi Brussell fi……2007,

Għar-Renju tan-Norveġja Għar-Repubblika tal-Bulgarija

B. Ittra mir-Renju tan-Norveġja

Sinjur…,

Għandi l-unur ngħarrfek li waslitli l-ittra tiegħek bid-data ta' llum, li taqra kif ġej:

'Għandi l-unur nagħmel referenza għan-negozjati li seħħew bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ("in-Norveġja") fil-kuntest tal-Bulgarija li ser issir parti kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE u t-twaqqif ta' Programm ta' Kooperazzjoni għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli fil-Bulgarija.

Ir-riżultati tan-negozjati huma kif ġej:

1. Għandu jkun stabbilit Programm ta' Kooperazzjoni biex jippromwovi l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fil-Bulgarija permezz ta' proġetti bilaterali bejn in-Norveġja u l-Bulgarija, skond ftehim bilaterali bejn iż-żewġ Stati. It-test tal-ftehim bilaterali huwa mehmuż bħala parti integrali ta' dan l-Iskambju ta' Ittri.

2. Għall-iskop tal-Programm, in-Norveġja għandha tagħmel disponibbli ammont totali ta' 20 miljun EUR, għall-impenn f'pagament wieħed fl-2007. Dan l-ammont għandu jkun disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' ftehim biex dak il-Ftehim ikun applikat provviżorjament, sat-30 ta' April 2009.

3. Dan l-Iskambju ta' Ittri:

   a) għandu jkun irratifikat jew approvat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u min Norveġja skond il-proċeduri rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

   b) għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara d-depożitu ta' l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni bil-kondizzjoni li l-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni tal-ftehim relatati li ġejjin ikunu ġew iddepożitati wkoll:

      (i) Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

      (ii) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fir-Rumanija;

      (iii) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea; u

      (iv) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Inkun obbligat jekk inti tikkonferma li taqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Jekk jogħġbok, aċċetta, Sinjur …, l-espressjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Komunità Ewropea

Anness: 1

AnneSS

FTEHIM GĦAL PROGRAMM NORVEĠIŻ TA' KOOPERAZZJONI

GĦAL TKABBIR EKONOMIKU U ŻVILUPP SOSTENIBBLI FIL-BULGARIJA

bejn

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA

u

R-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"

***

Artikolu 1

Għan

Għandu jkun stabbilit Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni biex jippromwovi l-iżvilupp soċjali u sostenibbli fil-Bulgarija permezz ta' proġetti bilaterali ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet fis-setturi msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 2

Skop Finanzjarju

Għall-fini tal-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Renju tan-Norveġja għandu jagħmel disponibbli ammont totali ta' 20 miljun EUR, għall-impenn f'pagament wieħed fl-2007.

Artikolu 3

Dewmien

L-ammont imsemmi fl-Artikolu 2 għandu jkun magħmul disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Partepazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim biex il-Ftehim ikun applikat provviżorjament, sat-30 ta' April 2009.

Artikolu 4

Setturi prijoritarji

Il-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għall-Bulgarija għandu jkun disponibbli għal proġetti bilaterali ta' kooperazzjoni bejn applikanti eliġibbli mill-Partijiet għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fir-Repubblika tal-Bulgarija fis-setturi prijoritarji li ġejjin:

– It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass serra, inklużi proġetti ta' Implimentazzjoni Konġunta skond il-Protokoll ta' Kyoto, u emissjonijiet oħra fl-ajru u fl-ilma;

– L-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġija rinovabbli;

– il-faċilitazzjoni ta' produzzjoni sostenibbli, inkluża ċ-ċertifikazzjoni u l-verifika;

– l-implimentazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen, appoġġ għall-Pjanijiet Nazzjonali ta' Schengen kif ukoll it-tisħiħ tal-ġudikatura.

Attivitajiet possibbli huma inter alia l-innovazzjoni, l-iżvilupp ta' riżorsi umani, in-netwerking, il-formazzjoni ta' ħiliet, it-trasferiment tat-teknoloġija u r-riċerka u l-iżvilupp.

Artikolu 5

Limiti ta' ko-finanzjament

Il-kontribuzzjoni Norveġiża fil-forma ta' għotjiet m'għandhiex taqbeż is-60% ta' l-ispiża tal-proġett ħlief għal proġetti ffinanzjati xort'oħra minn allokazzjonijiet ċentrali, reġjonali jew lokali tal-baġit tal-gvern, fejn il-kontribuzzjoni tista' ma taqbiżx il-85% ta' l-ispiża tal-proġett. Limiti Komunitarji għal ko-finanzjament m'għandhomx jinqabżu f'kull każ. Kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil imsieħba soċjali jistgħu jkunu sa 90% ta' l-ispejjeż ta' proġett.

Artikolu 6

Ġestjoni

Il-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għall-Bulgarija għandu jkun ġestit mill-Gvern Norveġiż jew minn entità maħtura minnu. L-Entità tal-Ġestjoni għandha tikkonsulta mal-Punt Fokali li għandu jinħatar mill-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija. Il-Kummissjoni tista' tissorvelja l-proġetti.

Dispożizzjonijiet ulterjuri għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jinħarġu mill-Gvern Norveġiż skond il-ħtieġa.

L-ispejjeż għall-ġestjoni tal-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għandhom ikunu koperti mill-ammont imsemmi fl-Artikolu 2.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim għandu jkun irratifikat mir-Renju tan-Norveġja u mir-Repubblika tal-Bulgarija skond il-proċeduri nazzjonali tagħhom. Għandu jidħol fis-seħħ tletin jum wara d-data li fiha l-aħħar Parti tkun iddepożitat l-istrument ta' ratifika tagħha mal-Ministeru Norveġiż għall-

Affarijiet Barranin, iżda mhux qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim biex l-aħħar imsemmi ftehim ikun applikat provviżorjament.

Magħmul fi Brussell fi……2007,

Għar-Renju tan-Norveġja Għar-Repubblika tal-Bulgarija'

Għandi l-unur nikkonferma li naqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Jekk jogħġbok, aċċetta, Sinjur…, l-espressjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għar-Renju tan-Norveġja

FTEHIM

fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fir-Romanija

A. Ittra mill-Komunità Ewropea

Sinjur…,

Għandi l-unur nagħmel referenza għan-negozjati li seħħew bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ("in-Norveġja") fil-kuntest li r-Rumanija se ssir parti kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE u t-twaqqif ta' Programm ta' Kooperazzjoni għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli fir-Rumanija.

Ir-riżultati tan-negozjati huma kif ġej:

1. Għandu jkun stabbilit Programm ta' Kooperazzjoni biex jippromwovi t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli fir-Rumanija permezz ta' proġetti bilaterali bejn in-Norveġja u r-Rumanija, skond ftehim bilaterali bejn iż-żewġ Stati. It-test tal-ftehim bilaterali huwa mehmuż bħala parti integrali ta' dan l-Iskambju ta' Ittri.

2. Għall-iskop tal-Programm, in-Norveġja għandha tagħmel disponibbli ammont totali ta' 48 miljun EUR, għall-impenn f'pagament wieħed fl-2007. Dan l-ammont għandu jkun disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' ftehim biex dak il-Ftehim ikun applikat provviżorjament, sat-30 ta' April 2009.

3. Dan l-Iskambju ta' Ittri:

   a) għandu jkun irratifikat jew approvat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u min-Norveġja skond il-proċeduri rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

   b) għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara d-depożitu ta' l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni bil-kondizzjoni li l-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni tal-ftehim relatati li ġejjin ikunu ġew iddepożitati wkoll:

      (i) Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

      (ii) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

      (iii) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea; u

      (iv) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Inkun obbligat jekk inti tikkonferma li taqbel mal-kontenut ta' din l-ittra.

Jekk jogħġbok, aċċetta, Sinjur …, l-espressjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Komunità Ewropea

Anness: 1

Anness

FTEHIM GĦAL PROGRAMM NORVEĠIŻ TA' KOOPERAZZJONI

GĦAL TKABBIR EKONOMIKU U ŻVILUPP SOSTENIBBLI FIR-RUMANIJA

bejn

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA

u

R-RUMANIJA

'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"

***

Artikolu 1

Għan

Għandu jkun stabbilit Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni biex jippromwovi l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fir-Rumanija permezz ta' proġetti bilaterali ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet fis-setturi msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 2

Skop Finanzjarju

Għall-fini tal-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għar-Rumanija, ir-Renju tan-Norveġja għandu jagħmel disponibbli ammont totali ta' 48 miljun EUR, għall-impenn f'pagament wieħed fl-2007.

Artikolu 3

Dewmien

L-ammont imsemmi fl-Artikolu 2 għandu jkun magħmul disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Partepazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim biex il-Ftehim ikun applikat provviżorjament, sat-30 ta' April 2009.

Artikolu 4

Setturi prijoritarji

Il-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għar-Rumanija għandu jkun disponibbli għal proġetti bilaterali ta' kooperazzjoni bejn applikanti eliġibbli mill-Partijiet għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fir-Rumanija fis-setturi prijoritarji li ġejjin:

– It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass serra, inklużi proġetti ta' Implimentazzjoni Konġunta skond il-Protokoll ta' Kyoto, u emissjonijiet oħra fl-ajru u fl-ilma;

– L-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġija rinovabbli;

– il-faċilitazzjoni ta' produzzjoni sostenibbli, inkluża ċ-ċertifikazzjoni u l-verifika;

– is-saħħa.

Attivitajiet possibbli huma inter alia l-innovazzjoni, l-iżvilupp ta' riżorsi umani, in-netwerking, il-formazzjoni ta' ħiliet, it-trasferiment tat-teknoloġija u r-riċerka u l-iżvilupp.

Artikolu 5

Limiti ta' ko-finanzjament

Il-kontribuzzjoni Norveġiża fil-forma ta' għotjiet m'għandhiex taqbeż is-60% ta' l-ispiża tal-proġett ħlief għal proġetti ffinanzjati xort'oħra minn allokazzjonijiet ċentrali, reġjonali jew lokali tal-baġit tal-gvern, fejn il-kontribuzzjoni tista' ma taqbiżx il-85% ta' l-ispiża tal-proġett. Limiti Komunitarji għal ko-finanzjament m'għandhomx jinqabżu f'kull każ. Kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil imsieħba soċjali jistgħu jkunu sa 90% ta' l-ispejjeż ta' proġett.

Artikolu 6

Ġestjoni

Il-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għar-Rumanija għandu jkun immaniġġjat mill-Gvern Norveġiż jew minn entità maħtura minnu. L-Entità tal-Ġestjoni għandha tikkonsulta mal-Punt Fokali li għandu jinħatar mill-Gvern tar-Rumanija. Il-Kummissjoni tista' tissorvelja l-proġetti.

Dispożizzjonijiet ulterjuri għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jinħarġu mill-Gvern Norveġiż skond il-ħtieġa.

L-ispejjeż għall-ġestjoni tal-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għandhom ikunu koperti mill-ammont imsemmi fl-Artikolu 2.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim għandu jkun irratifikat mir-Renju tan-Norveġja u mir-Rumanija skond il-proċeduri nazzjonali tagħhom. Għandu jidħol fis-seħħ tletin jum wara d-data li fiha l-aħħar Parti tkun iddepożitat l-istrument ta' ratifika tagħha mal-Ministeru Norveġiż għall-Affarijiet Barranin, iżda mhux qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika

tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim biex l-aħħar imsemmi ftehim ikun applikat provvizorjament.

Magħmul fi Brussell fi……2007,

Għar-Renju tan-Norveġja Għar-Rumanija

B. Ittra mir-Renju tan-Norveġja

Sinjur…,

Għandi l-unur ngħarrfek li waslitli l-ittra tiegħek bid-data ta' llum, li taqra kif ġej:

'Għandi l-unur nagħmel referenza għan-negozjati li seħħew bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ("in-Norveġja") fil-kuntest tar-Rumanija li ser issir parti kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE u t-twaqqif ta' Programm ta' Kooperazzjoni għall-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli fir-Rumanija.

Ir-riżultati tan-negozjati huma kif ġej:

1. Għandu jkun stabbilit Programm ta' Kooperazzjoni biex jippromwovi t-tkabbir ekonomiku u l-iżvilupp sostenibbli fir-Rumanija permezz ta' proġetti bilaterali bejn in-Norveġja u r-Rumanija, skond ftehim bilaterali bejn iż-żewġ Stati. It-test tal-ftehim bilaterali huwa mehmuż bħala parti integrali ta' dan l-Iskambju ta' Ittri.

2. Għall-iskop tal-Programm, in-Norveġja għandha tagħmel disponibbli ammont totali ta' 48 miljun EUR, għall-impenn f'pagament wieħed fl-2007. Dan l-ammont għandu jkun disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea jew ta' ftehim biex dak il-Ftehim ikun applikat provviżorjament, sat-30 ta' April 2009.

3. Dan l-Iskambju ta' Ittri:

   a) għandu jkun irratifikat jew approvat mill-Komunità Ekonomika Ewropea u min-Norveġja skond il-proċeduri rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal- Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

   b) għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara d-depożitu ta' l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni bil-kondizzjoni li l-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni tal-ftehim relatati li ġejjin ikunu ġew iddepożitati wkoll:

      (i) Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

      (ii) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u n-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

      (iii) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea; u

      (iv) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Inkun obbligat jekk inti tikkonferma li taqbel mal-kontenut ta’ din l-ittra.

Jekk jogħġbok, aċċetta, Sinjur …, l-espressjoni ta’ l-ogħla stima tiegħi.

Għall-Komunità Ewropea

Anness: 1

Anness

FTEHIM GĦAL PROGRAMM NORVEĠIŻ TA' KOOPERAZZJONI

GĦAL TKABBIR EKONOMIKU U ŻVILUPP SOSTENIBBLI FIR-RUMANIJA

bejn

IR-RENJU TAN-NORVEĠJA

u

R-RUMANIJA

'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"

***

Artikolu 1

Għan

Għandu jkun stabbilit Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni biex jippromwovi l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fir-Rumanija permezz ta' proġetti bilaterali ta' kooperazzjoni bejn il-Partijiet fis-setturi msemmija fl-Artikolu 4.

Artikolu 2

Skop Finanzjarju

Għall-fini tal-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għar-Rumanija, ir-Renju tan-Norveġja għandu jagħmel disponibbli ammont totali ta' 48 miljun EUR, għall-impenn f'pagament wieħed fl-2007.

Artikolu 3

Dewmien

L-ammont imsemmi fl-Artikolu 2 għandu jkun magħmul disponibbli mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Partepazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim biex il-Ftehim ikun applikat provviżorjament, sat-30 ta' April 2009.

Artikolu 4

Setturi prijoritarji

Il-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għar-Rumanija għandu jkun disponibbli għal proġetti bilaterali ta' kooperazzjoni bejn applikanti eliġibbli mill-Partijiet għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fir-Rumanija fis-setturi prijoritarji li ġejjin:

– It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gass serra, inklużi proġetti ta' Implimentazzjoni Konġunta skond il-Protokoll ta' Kyoto, u emissjonijiet oħra fl-ajru u fl-ilma;

– L-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġija rinovabbli;

– il-faċilitazzjoni ta' produzzjoni sostenibbli, inkluża ċ-ċertifikazzjoni u l-verifika;

– is-saħħa.

Attivitajiet possibbli huma inter alia l-innovazzjoni, l-iżvilupp ta' riżorsi umani, in-netwerking, il-formazzjoni ta' ħiliet, it-trasferiment tat-teknoloġija u r-riċerka u l-iżvilupp.

Artikolu 5

Limiti ta' ko-finanzjament

Il-kontribuzzjoni Norveġiża fil-forma ta' għotjiet m'għandhiex taqbeż is-60% ta' l-ispiża tal-proġett ħlief għal proġetti ffinanzjati xort'oħra minn allokazzjonijiet ċentrali, reġjonali jew lokali tal-baġit tal-gvern, fejn il-kontribuzzjoni tista' ma taqbiżx il-85% ta' l-ispiża tal-proġett. Limiti Komunitarji għal ko-finanzjament m'għandhomx jinqabżu f'kull każ. Kontribuzzjonijiet lil organizzazzjonijiet mhux governattivi u lil imsieħba soċjali jistgħu jkunu sa 90% ta' l-ispejjeż ta' proġett.

Artikolu 6

Ġestjoni

Il-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għar-Rumanija għandu jkun immaniġġjat mill-Gvern Norveġiż jew minn entità maħtura minnu. L-Entità tal-Ġestjoni għandha tikkonsulta mal-Punt Fokali li għandu jinħatar mill-Gvern tar-Rumanija. Il-Kummissjoni tista' tissorvelja l-proġetti.

Dispożizzjonijiet ulterjuri għall-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jinħarġu mill-Gvern Norveġiż skond il-ħtieġa.

L-ispejjeż għall-ġestjoni tal-Programm Norveġiż ta' Kooperazzjoni għandhom ikunu koperti mill-ammont imsemmi fl-Artikolu 2.

Artikolu 7

Dħul fis-seħħ

Dan il-Ftehim għandu jkun irratifikat mir-Renju tan-Norveġja u mir-Rumanija skond il-proċeduri nazzjonali tagħhom. Għandu jidħol fis-seħħ tletin jum wara d-data li fiha l-aħħar Parti tkun iddepożitat l-istrument ta' ratifika tagħha mal-Ministeru Norveġiż għall-Affarijiet Barranin, iżda mhux qabel id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika

tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea, jew mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim biex l-aħħar imsemmi ftehim ikun applikat provvizorjament.

Magħmul fi Brussell fi……2007,

Għar-Renju tan-Norveġja Għar-Rumanija'

Għandi l-unur nikkonferma li naqbel mal-kontenut ta' l-ittra tiegħek.

Jekk jogħġbok, aċċetta, Sinjur…, l-espressjoni ta' l-ogħla stima tiegħi.

Għar-Renju tan-Norveġja

PROTOKOLL ADDIZZJONALI
għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

u

L-IŻLANDA

WARA LI QIESU l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda ffirmat fi Brussell fit-22 ta' Lulju, 1972, 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u l-arranġamenti eżistenti għal kummerċ fil-ħut u fi prodotti tas-sajd bejn l-Iżlanda u l-Komunità,

WARA LI QIESU l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea,

WARA LI QIESU l-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea,

WARA LI QIESU r-reġim eżistenti għal kummerċ fil-ħut u fi prodotti tas-sajd bejn l-Iżlanda u r-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija,

IDDEĊIDEW li jiddeterminaw bi qbil komuni l-aġġustamenti għall-Ftehim b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea,

U LI JIKKONKLUDU DAN IL-PROTOKOLL,

Artikolu 1

It-test tal-Ftehim, l-Annessi u l-Protokolli, li jagħmlu parti integrali minnu, l-Att Finali u d-dikjarazzjonijiet mehmużin miegħu għandhom isiru bil-lingwa Bulgara u bil-lingwa Rumena u dawk it-testi għandhom ikunu awtentiċi bl-istess mod bħat-testi oriġinali. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova t-test Bulgaru u t-test Rumen.

Artikolu 2

Id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għal importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw fl-Iżlanda huma stabbiliti f'dan il-Protokoll u fl-Anness tiegħu.

Il-kwoti annwali mingħajr dazju msemmijin fl-Anness ma' dan il-Protokoll għandhom ikunu implimentati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2007, sat-30 ta' April, 2009. Il-livelli ta' kwota għandhom ikunu riveduti sa l-aħħar ta' dak il-perjodu waqt li jitqiesu l-interessi rilevanti kollha. Il-livelli ta' kwota għall-2007 m'għandhomx effettivament jitnaqqsu minħabba li t-tkabbir taż-Żona Ekonomika Ewropea ma seħħx fl-1 ta' Jannar, 2007. Il-volumi tal-kwota ta' tariffa għall-2009 għandhom jitnaqqsu skond l-applikazzjoni tagħhom sat-30 ta' April, 2009

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jkun irratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti skond il-proċeduri tagħhom stess. L-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara d-depożitu ta' l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni bil-kondizzjoni li l-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni tal-ftehim relatati li ġejjin ikunu ddepożitati wkoll:

(i) Il-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

(ii) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

(iii) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Iżvilupp Sostenibbli fir-Rumanija; u

(iv) Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea;

Artikolu 4

Dan il-Protokoll huwa magħmul doppju, bil-lingwa Bulgaru, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Iżlandiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.

Magħmul fi Brussell, […].

Għall-Komunità Ewropea

Għall-Iżlanda

ANNESS

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2

Il-Komunità għandha tiftaħ il-kwoti ġodda annwali ta' tariffa mingħajr dazju li ġejjin għal prodotti li joriġinaw fl-Iżlanda :

Kodiċi NK	Deskrizzjoni tal-prodotti	Volum ta' kwota annwali
0306 19 30	Awwisti Norveġiżi ffriżati (Nephrops norvegicus)	520 tunnellata metrika5
0304 19 35	Fetet ta' skorfon (Sebastes spp.), friski jew imkessħin	750 tunnellata metrika

5 Kwota ta' tariffa addizzjonali mingħajr dazju. Fil-każ li din il-kwota partikolari ma tkunx ġiet eżawrita għal kollox sa l-aħħar ta' l-2007, il-volum li jkun baqa' għandu jgħaddi għall-2008. Għal dan l-iskop dħul minn din il-kwota ta' tariffa partikolari applikabbli fl-2007 għandu jieqaf fit-tieni jum tax-xogħol fil-Kummissjoni wara l-1 ta' April 2008. Fil-jum tax-xogħol ta' wara, il-bilanċ mhux użat ta' din il-kwota ta' tariffa ta' l-2007 għandu jkun disponibbli taħt il-kwota ta' tariffa korrispondenti applikabbli fl-2008. Minn dik id-data 'l hemm ebda dħul retroattiv u ebda ħlasijiet lura m'għandhom ikunu possibbli fuq il-kwota ta' tariffa partikolari applikabbli fl-2007.

PROTOKOLL ADDIZZJONALI
għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

u

IR-RENJU RAN-NORVEĠJA

WARA LI QIESU l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja ffirmat fl-14 ta' Mejju, 1973, 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u l-arranġamenti eżistenti għal kummerċ fil-ħut u fi prodotti tas-sajd bejn in-Norveġja u l-Komunità,

WARA LI QIESU l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea,

WARA LI QIESU l-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea,

WARA LI QIESU r-reġim eżistenti għal kummerċ fil-ħut u fi prodotti tas-sajd bejn in-Norveġja u r-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija,

IDDEĊIDEW li jiddeterminaw bi qbil komuni l-aġġustamenti għall-Ftehim b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea,

U LI JIKKONKLUDU DAN IL-PROTOKOLL,

Artikolu 1

It-test tal-Ftehim, l-Annessi u l-Protokolli, li jagħmlu parti integrali minnu, l-Att Finali u d-dikjarazzjonijiet mehmużin miegħu għandhom isiru bil-lingwa Bulgara u bil-lingwa Rumena u dawk it-testi għandhom ikunu awtentiċi bl-istess mod bħat-testi oriġinali. Il-Kumitat Konġunt għandu japprova t-test Bulgaru u t-test Rumen.

Artikolu 2

Id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għal importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw fin-Norveġja huma stabbiliti f'dan il-Protokoll u fl-Anness tiegħu.

Il-kwoti ta' tariffa msemmijin fl-Artikolu 3 ta' dan il-Protokoll għandhom ikunu implimentati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2007, sat-30 ta' April, 2009. Il-livelli ta' kwota għandhom ikunu riveduti sa l-aħħar ta' dak il-perjodu waqt li jitqiesu l-interessi rilevanti kollha. Il-livelli ta' kwota għall-2007 m'għandhomx effettivament jitnaqqsu minħabba li t-tkabbir taż-Żona Ekonomika Ewropea ma seħħx fl-1 ta' Jannar, 2007. Il-volumi tal-kwota ta' tariffa għall-2009 għandhom jitnaqqsu skond l-applikazzjoni tagħhom sat-30 ta' April, 2009.

Ir-regoli ta' oriġini applikabbli għall-kwoti ta' tariffa għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Il-Komunità għandha tiftaħ il-kwoti ġodda addizzjonali annwali ta' tariffa mingħajr dazju li ġejjin:

- Kavalli ta' l-ispeċje Scomber scombrus (pizzintun) jew Scomber japonicus, iffriżati (Kodiċi NK 0303 74 30): 9 300 tunnellata metrika

- Aringi (Clupea harengus, Clupea pallasii), iffriżati (Kodiċi NK 0303 51 00): 1 800 tunnellata metrika

- Fetet u faldi ta' aringi (Clupea harengus, Clupea pallasii), iffriżati (Kodiċijiet NK 0304 29 75 u 0304 99 23): 600 tunnellata metrika

- Ħut ieħor, iffriżat (Kodiċi NK 0303 79 98): 2 200 tunnellata metrika

- Salmonidi oħra, iffriżati (Kodiċi NK 0303 29 00) 2 000 tunnellata metrika

- Gambli u gambli kbar, imqaxxrin u ffriżati (Kodiċijiet NK ex1605 20 10, ex1605 20 91 u ex1605 20 99): 2 000 tunnellata metrika

Artikolu 4

Il-Komunità għandha tneħħi l-kondizzjoni "għal manifattura industrijali", u b'hekk il-ħtieġa ta' l-utent aħħari, fuq il-kwoti ta' tariffa li kienu nfetħu fl-2004 għal kavalli ffriżati (ordni Nri 09.0760, 09.0763 u 09.0778), aringi ffriżati (ordni Nru 09.0752) u faldi ffriżati ta' aringi (ordni Nru 09.0756). Bl-istess mod, il-ħtieġa għal konsum mill-bniedem tal-prodotti taħt l-istess kwoti ta' tariffa għandha titneħħa.

Il-kwota ta' tariffa mingħajr dazju eżistenti għal gambli u gambli kbar imqaxxrin u ffriżati bl-ordni Nru 09.0758 għandha tkun disponibbli għall-kodiċijiet NK ex1605 20 10, ex1605 20 91 u ex1605 20 99.

Għall-perjodu mill-1 ta' Jannar, 2008, sal-31 ta' Diċembru, 2008, il-Komunità għandha tgħaqqad flimkien iż-żewġ kwoti ta' tariffa mingħajr dazju eżistenti għal gambli u gambli kbar imqaxxrin u ffriżati (ordnijiet Nru 09.0745 u Nru 09.0758) u l-kwota ta' tariffa ġdida addizzjonali mingħajr dazju ta' 2 000 tunnellata metrika li hemm ipprovdut għaliha fl-Artikolu 3, u għandha tagħmel il-kwota ta' tariffa magħquda disponibbli għall-Kodiċijiet NK ex1605 20 10, ex1605 20 91 u ex1605 20 99.

Mill-1 ta' Jannar, 2009, iż-żewġ kwoti ta' tariffa eżistenti għal gambli u gambli kbar imqaxxrin u ffriżati ma' l-ordni Nru 09.0758 (2 500 tunnellata metrika) u ma' l-ordni Nru 09.0745 (5 500 tunnellata metrika) u l-kwota ta' tariffa ġdida addizzjonali mingħajr dazju ta' 2 000 tunnellata għandhom japplikaw bħala tliet kwoti ta' tariffa separati u jkunu disponibbli għall-kodiċijiet NK ex1605 20 10, ex1605 20 91 u ex1605 20 99.

Mill-15 ta' Ġunju, 2008, il-Komunità għandha tgħaqqad flimkien is-sub-perjodi relattivi għat-tliet kwoti ta' tariffa eżistenti għall-kavalli (ordnijiet Nri 09.0760, 09.0763 u 09.0778) f'perjodu wieħed mill-15 ta' Ġunju sa l-14 ta' Frar.

Artikolu 5

Rappreżentanti mill-Komunità Ewropea u min-Norveġja għandhom jiltaqgħu qabel l-aħħar ta' l-2007 biex jesploraw il-possibbiltà li r-regoli ta' oriġini stabbiliti bil-Protokoll Nru 3 tal-Ftehim ikunu applikati wkoll għal prodotti koperti mill-iskambju ta' ittri dwar il-kummerċ fil-ħut tas-16 ta' April 1973.

Artikolu 6

Dan il-Protokoll għandu jkun irratifikat jew approvat mill-Komunità Ewropea u min-Norveġja skond il-proċeduri tagħhom stess. L-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni għandhom ikunu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara d-depożitu ta' l-aħħar strument ta' ratifika jew approvazzjoni, bil-kondizzjoni li l-istrumenti ta' ratifika jew approvazzjoni tal-ftehim relatati li ġejjin ikunu ġew iddepożitati wkoll:

(i) Il-Ftehim dwar il-Parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fiż-Żona Ekonomika Ewropea;

(ii) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fil-Bulgarija;

(iii) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tan-Norveġja dwar Programm ta' Kooperazzjoni għal Tkabbir Ekonomiku u Żvilupp Sostenibbli fir-Rumanija, u

(iv) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika ta' l-Iżlanda b'riżultat ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 7

Dan il-Protokoll huwa magħmul doppju, bil-lingwa Bulgaru, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Iżlandiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Maltija, Norveġiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola u Żvediża, b'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku.